TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 306/10

**Maria Dolores Lautier**
**vs**
**Portughes Laundry & Dry Cleaning Co. Ltd.**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti prezz tal-libsa tat-tieġ tat-tifla tagħha li wara li ħaditha għal *dry cleaning*, partijiet tal-libsa ma baqgħux kulur *champagne*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet il-libsa għal *dry cleaning* u l-kulur tal-libsa reħa u ġiet *damaged.*

L-intimat da parti tiegħu ssottometta illi l-libsa kellha difett u li ma kienx it-tort tagħhom. Waqt is-smiegħ tal-kawża rriżulta li l-libsa nxtrat minn fuq l-internet u li fil-fatt id-diffett kien fl-*embroidery* biss u mhux fil-libsa, u di piu ma kienx hemm *care label* fuqu.

It-tribunal qed jagħmilha ċar illi m'hemm xejn ħażin billi tixtri xi ħaġa minn fuq l-internet pero' jrid jiġi assigurat li jrid ikun hemm almenu *care label*, kif ukoll irid ikun hemm indikazzjoni ta' x'tip ta' materjal hu, kif ukoll kif għandu jinħasel.

It-Tribunal ukoll jinnota illi l-libsa ma ġralha xejn u li ġralha hu fl-*embroidery.*

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888